*-rikors revoka*

*-garanzija xierqa*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Digriet kamerali moghti llum 9 ta' Lulju 2019.**

**Rikors Nru. 340/19 GM**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru Kawtelatorju bin numru bin numru 362/19 fl-ismijiet**

**Joseph Lia (K.I. 791247M)**

**vs**

**Romina Micallef (K.I. 213280) mart Anthony,**
**Lina Cassar Attard (K.I. 299277M) mart James Cassar,**
**James Attard (K.I. 446988M)**
**Paul George Attard (K.I. 102902M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ippreżentat fit-2 t'April 2019 li permezz tiegħu is-sekwestrati fuq imsemmija qegħdin jitolbu r-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ kontrihom;

Rat ir-risposta tas-sekwestrant;

Semgħat it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tal-4 ta' Lulju 2019;

Ikkunsidrat:

Illi tajjeb jew ħażin kawżali fil-mandat hemm u għalhekk l-eċċezzjoni tan-nullita` hija miċħuda;

Illi r-rikorrent jallega li hemm ness bejnu u l-intimati in kwantu l-ġenituri tagħhom, li jallega li kienu debituri tiegħu, itrasferew il-proprjeta` tagħhom lill-intimati biex jeludu l-jeddijiet tiegħu, u allura għandu jedd idur kontrihom ex Art. 1144 Kap 16. Jekk dan hux minnu jew le hi kwistjoni ta' mertu li jrid jiġi vventilat f'kawża; għall-fini ta' proceduri kawtelatorji din l-allegazzjoni hi biżżejjed biex jiġi stabbilit ness bejn il-kontendenti. Għalhekk din l-eċċezzjoni hija wkoll miċħuda;

Illi b'danakollu jirriżulta li l-pretiż kreditu huwa ampjament ikkawtelat permezz ta' mandat t'inibizzjoni u għalhekk m'hemm l-ebda ħtieġa għal dan il-mandat;

Illi dan il-mandat huwa għalhekk vessatorju. Il-mandati m'għandhomx jitvenvnu bl-addoċċ meta m'hemmx bżonnhom. Il-Qorti tfakkar li

jittieħdu taħt ġurament u għalhekk jgħabbu lil min joħroġhom b'responsabilita` kbira. L-iskop hu li jikkawtelaw jedd li jista' jintilef pendenti l-eżitu ta' deċiżjoni fil-mertu, u mhux bħala mezz ta' intimidazzjoni. Fiċ-ċirkostanzi tagħżel li ma teżerċitax il-fakulta` tagħha u tapplika s-sanzjoni skont l-Art. 836(8)(d) tal-Kap 12 iżda twissi lir-rikorrent biex ma jkomplix joħroġ mandati bla bżonn.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA